MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 519/2007

**Anthony u Doris konjugi Abela**

**vs**

**Antoine Vassallo, f'ismu personali, u kif ukoll fl-interess u ghan-nom ta' Antoine Auto Dealer Ltd (C 26112)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony u Doris konjugi Abela li, permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Ir-rikorrenti kienu xtraw vettura Toyota Corsa, numru ta' registrazzjoni GBB 495, minghand l-intimati fid-disgha (9) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002) (Dok. AA) ghall-prezz ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000);

Fl-istess xahar, ir-rikorrenti rritornaw il-vettura lura lill-intimati li accettawha bla ebda kondizzjoni;

Nonostante illi l-bejgh gie rexiss, l-intimati jew min minnhom qed jirrifjutaw li jhallsu lura l-prezz lilhom imhallas;

Ghalhekk, l-ammont dovut mill-intimati jew min minnhom huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m’ghandhom ebda eccezzjoni x’jissollevaw kontra l-pagament tal-istess;

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta’ Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza;

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, tal-vettura GBB 495, ossia Settembru elfejn u tnejn (2002), sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati, ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2007, li permezz tieghu, il-Qorti akkordat il-fakolta’ lill-konvenut biex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Antoine Vassallo, f’ismu personali, u kif ukoll fl-interess u ghan-nom ta’ Antoine Auto Dealer Ltd (C 26112), li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-atturi ghandhom jindikaw il-provvediment/i tal-ligi illi fuqhom qeghdin isejsu t-talbiet taghhom.

Ir-Rikors Mahluf promotur huwa null u bla ebda effett stante illi qed jintalab hlas fis-somma ta' Lm5,000 minghajr mhu qed tintalab dikjarazzjoni fis-sens illi tali hlas huwa dovut u ta' xiex huwa dovut.

Bla pregudizzju ghas-suespost, u b'rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni li tista' tigi sollevata f'kull stadju tal-proceduri li tista' tirrizulta opportuna wara li l-atturi jkunu indikaw il-provvediment/i tal-ligi illi fuqhom qeghdin isejsu t-talbiet taghhom, jekk it-talbiet attrici qed jigu msejsa a bazi tal-allegazzjoni illi kien hemm arrikkiment indebitu da parti tar-rispondenti, allura t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk l-ammont pretiz qed jigi reklamat bhala hlas lura tal-prezz tal-vettura mibjugha ghaliex din (allegatament) ma kinitx tal-kwalita' pattwita, allura t-talba hija perenta bid-dekadenza ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1407 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari wkoll, ir-rispondent Antoine Vassallo in kwantu citat fil-vesti personali tieghu mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat *ad observantia* stante illi l-vettura *de quo agitur* kienet mibjugha lill-atturi mis-socjeta' Antoine Vassallo Limited.

In linea preliminari wkoll, it-talbiet attrici huma monki ghaliex l-atturi naqsu milli jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi l-kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-vettura 'Toyota Corsa' Reg. No: GBB-495 konkluz bejn l-atturi u s-socjeta' Antoine Auto Dealer Ltd huwa rexiss, u dan meta mill-premessi citattivi tali rexissjoni tidher illi tikkostitwixxi l-*fundamentum agendi* tat-talbiet attrici.

F'kull kaz, it-talbiet attrici kif dedotti ma jistghu qatt jirnexxu stante illi l-kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-vettura in kwistjoni qatt ma gie rexiss kif titlob il-ligi stante illi tali rexissjoni jehtieg *ad validitatem* illi ssir bil-forma skritta.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi stante illi, fost affarijiet ohra, mhuwiex minnu illi r-rispondenti, huma jew min minnhom, obbligaw ruhhom li jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) kif allegat mill-istess atturi.

Ghal dawn il-motivi kollha, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-13 ta’ Mejju 2009, li permezz taghha, din il-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa ulterjorment illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi kif dikjarat mill-istess atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet minnhom prezentata (a fol. 35 et seq tal-process) huma bbazati fuq ir-raguni illi l-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura bejn il-partijiet kien gie rexiss u kwindi l-atturi ghandhom dritt ghall-hlas lura tal-prezz minnhom imhallas a tenur tal-artikolu 1209 tal-Kap. 16, liema raguni hija fallaci, inezistenti u insostenibbli stante illi l-kuntratt ta’ bejgh tal-vettura qatt ma gie rexiss u kwindi t-talbiet attrici, ibbazati fuq tali raguni dikjarata mill-istess atturi, ma jistghu qatt jigu akkolti.

Rat li, ghalkemm il-Qorti akkordat lill-partijiet il-fakolta’ li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, hadd minnhom ma ressaq ebda sottomissjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand il-konvenut flus imhallsa lilu fuq bejgh ta’ karozza li kienet giet ritornata lill-istess bejjiegh wara ftit zmien. Il-bejjiegh isostni li l-bejgh tal-karozza qatt ma gie rexiss.

Anthony Abela, ir-rikorrent xehed illi:

"*Nghid illi jiena hallast lil Antoine Vassallo, il-prezz kollu fi flus kontanti u tani ircevuta li qed nesebixxi mal-affidavit tieghi (Dok. AA). Din l-ircevuta hija datata disgha (9) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002).*

*Nghid li din il-karozza, beda jonqsilha l-ilma, u hadniha ghand mechanic li wara xi darbtejn li morna ghandu qalilna li trid tinbidel is-cylinder head. Nghid li dan ma tantx ghogobna, peress li l-karozza kienet ilha biss xi xahar ghand it-tifel tieghi.*

*Nghid li mort lura ghand Antoine Vassallo u ghidtlu li l-karozza ma ridtiex ghaliex kien fiha l-hsara. Hu mill-ewwel accetta li jehodha lura, izda meta tlabtu l-flus, qalli nistenna ftit ghaliex kellu l-karozzi gejjin, u mmur naghzel ohra.*

*Nghid illi kont immur spiss nitolbu l-flus, izda dan dejjem kien iridni bilfors niehu karozza, izda dejjem jghidli gejjin u qatt ma jurini xejn jew jghid li spiccaw. Nghid li jiena dejjem bqajt nitolbu l-flus.*

*Fl-ahhar, wara xi sitt xhur, kien riedna bilfors niehdu karozza Toyota Corolla b'zewg bibien. Dik kienet izjed antika, u ma ridnihiex, izda Antoine baqa' jinsisti li ghandi nehodha, u ma riedx assolutament jaghtini l-flus lura.*"

Iben ir-rikorrenti Stefano Abela jixhed illi:

"*Nibda biex nghid illi jiena nigi t-tifel ta' Anthony Abela, u xi zmien ilu jiena ridt nixtri karozza u missieri hadni ghand Antoine Vassallo sabiex naraw wahda.*

*Nghid illi rajna Toyota Tercell full extras bil-prezz ta' hamest elef lira (Lm5,000). Nghid li din ghogbitni u xtrajniha, missieri kien hallsu l-ammont kollu fi flus kontanti.*

*Nghid illi xi xahar wara, din il-karozza bdiet titlef l-ilma, u hadniha ghand mechanic, dana qalilna li x'aktarx trid tinqala' s-cylinder head.*

*Nghid illi peress illi din il-karozza kont ghadni kif xtrajtha, ma tantx ghogbitni l-idea, u morna lura ghand Antoine Vassallo u ghidnielu li l-karozza ma rridhiex ghax fiha l-problemi. Hu accetta li jehodha lura minghajr problema ta' xejn u tajnieh ic-cwievet.*

*Nghid li missieri talbu l-flus lura, izda hu qalilna li xi hmistax ohra kellu xi karozzi dehlin u qalilna biex immorru naghzlu wahda. Morna u kien ihallina ghall-ahhar biex b'hekk qatt ma jkun fadal karozzi x'naghzlu, u meta nitolbuh il-flus, kien jghidilna stennew ftit.*

*Darba minnhom riedna bilfors niehdu Toyota, li kienet izjed antika minn dik li konna xtrajna, u kellha hafna hsara. Nghid li din ma accettajnihiex u ergajna tlabnieh il-flus izda baqa' ma tahomlniex.*"

L-intimat ma ressaq ebda prova u lanqas ma ressaq lill-istess rikorrenti u ibnu biex jixhdu in kontroezami.

Fic-cirkostanzi kif spjegati mix-xhieda tar-rikorrenti u ibnu, il-Qorti tqis li l-ftehim dwar il-vettura kien gie effettivament imxejjen meta l-intimat accetta li jiehu lura l-vettura u ghalhekk, issa huwa l-intimat li ghandu jrodd lura lir-rikorrenti dak li kien thallas, kif del resto huwa dejjem baqa' jwieghed li ser jaghmel.

L-Art. 1209 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

***"1209.*** *(1) Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel ilftehim.*

*(2) Kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt.*"

Ghalhekk, l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkluz dik ulterjuri qeghdin jigu michuda. Il-Qorti tinnota li dwarhom ma tressqet ebda prova jew sottomissjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Antoine Vassallo f'ismu personali u ghan-nom ta' Antoine Auto Dealer Limited, tilqa' t-talba ta' Anthony u Doris konjugi Abela u tikkundanna lill-istess Antoine Vassallo f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Antoine Auto Dealer Limited ihallas lil Anthony u Doris Abela s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Antoine Vassallo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------